# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru 215**

**Citaz. numru: 1822/00 M1 NA**

**Donald Vella**

**vs**

**Josephine Tedesco**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-6 ta' Settembru 2000 fejn ippremetta illi:

"Illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Settembru 1982 kif jindika c-certifikat anness bhala Dokument "A" l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta 21;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien eskluz minhabba zball fuq l-identita' tal-parti l-ohra; Art. 19 (1) (b) Kap. 255;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; Art. 19 (1) (c) Kap. 255;

Illi l-kunsens kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; Art. 19 (1) (d) Kap. 255;

Illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet gie miksub bl-eskluzjoni positiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ta' l-att taz-zwieg; Art. 19 (1) (f) Kap. 255;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Settembru 1982 huwa null ai termini ta' l-Art. 19 (1) (b) (c) (d) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-5 ta' Jannar 2001 fejn eccepiet:

1. "Illi l-eccipjenti taqbel li hemm lok li jigi dikjarat li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Settembru 1982 huwa null, pero' mhux ghar-ragunijiet imressqa mill-attur;

2. Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur u senjatament ai terminu ta' l-Artikolu 19 (1) (d) Kap. 55, minhabba li l-kunsens ta' l-attur kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat ir-rikors ta' l-istess konvenuta tas-17 ta' Jannar 2001 fejn talbet li ssir korrezzjoni fl-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni guramentata taghha u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2001 fejn it-talba giet milqugha. F'din is-seduta, fil-presenza tal-partijiet, gie wkoll nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi biex jigbor il-provi u jirrelata. Huwa halef ir-relazzjoni tieghu fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2001 fejn il-partijiet, debitament assistiti, irremettew irwiehhom ghar-rapport peritali.

Ikkunsidrat:-

Il-Perit Legali kkonkluda illi "*Ghalhekk fil-fehma ta' l-esponent jezistu ragunijiet bizzejjed biex iz-zwieg jigi dikjarat null, senjatament a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li l-kunsens tal-partijiet **it-tnejn** kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq id-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.*"

Il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Perit Legali u li, bejn il-kontendenti, kif anke xehdet il-psikologa Mariella Blackman ir-relazzjoni f'livell ta' l-affett li

missu kien hemm ma kienx bizzejjed li jista' jwassal ghal zwieg veru u li huma qatt ma rrealizzaw dak li kien ifisser iz-zwieg u x'kienu verament id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu u li, pero', dan id-difett fil-kunsens taghhom kien prezenti fit-tnejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Settembru 1982 huwa null ai termini ta' l-Art. 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.